



2024/41

11.1.2024

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 57/2021

tal-5 ta' Frar 2021

li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/41]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/590 tal-24 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/784 fir-rigward ta' aġġornament tal-kundizzjonijiet tekniċi rilevanti applikabbi għall-banda ta' frekwenzi ta' bejn l- 24,25 u s- 27,5 GHz⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/667 tas-6 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2012/688/UE fir-rigward ta' aġġornament tal-kundizzjonijiet tekniċi rilevanti applikabbi għall-meded ta' frekwenzi 1 920-1 980 MHz u 2 110-2 170 MHz⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/636 tat-8 ta' Mejju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2008/477/KE fir-rigward ta' aġġornament tal-kundizzjonijiet tekniċi rilevanti applikabbi għall-medda ta' frekwenzi 2 500-2 690 MHz⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied mal-punt 5cze (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/477/KE):
' , kif emendat minn:
 - **32020 D 0636:** Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/636 tat-8 ta' Mejju 2020 (ĠU L 149, 12.5.2020, p. 3).'
2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 5czi (id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2012/688/UE):
' , kif emendat minn:
 - **32020 D 0667:** Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/667 tas-6 ta' Mejju 2020 (ĠU L 156, 19.5.2020, p. 6).'
3. Dan li ġej jiżdied fil-punt 5czp (ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/784):
' , kif emendat minn:
 - **32020 D 0590:** Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/590 tal-24 ta' April 2020 (ĠU L 138, 30.4.2020, p. 19).'

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet ta' Implementazzjoni (UE) 2020/590, (UE) 2020/636 u (UE) 2020/667 bil-lingwa Iż-żandija u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 138, 30.4.2020, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 156, 19.5.2020, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 149, 12.5.2020, p. 3.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2021, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2021.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Clara GANSLANDT

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.